MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 1267/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**v**

**JEFFREY CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEFFREY CASSAR** ta’ tnejn u ghoxrin sena bin Emanuel u Nathalie nee Bugeja imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Mejju 1984 u residenti 58, ‘Pandora’, Triq il-Buffula Hamra, Mosta jew Flat 2, ‘Merill’, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 025858M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta’ Novembru 2006, f’hinijiet differenti waqt li kien fil-Qawra u f’postijiet ohra ghamel diversi atti li jikkostitwixxu l-vjolazzjoni tal-ligi u li kienu maghmula bl-istess hsieb meta:

1. Hu ripetutament hedded lil ommu Natalina Cassar u diversi membri ohra tal-familja;

2. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li l-imgieba tieghu kkagunat lil haddiehor li jibza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuni;

3. talli hedded lil ommu Natalina Cassar b'ordni jew kundizzjoni;

4. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanza garr arma rregolari li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. talli hedded diversi membri tal-familja tieghu b'arma rregolari li taqta u bil-ponta u cioe sikkina tal-kcina.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi gahs-sigurta tal-vittmi billi tipprotegihom minn kull biza ta' fastidju jew forma t'imgieba li ggib il-biza ta' vjolenza u tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Novembru 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tletin ta' Dicembru 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi seduta stante dehret Natalina Cassar w iddikjarat li hija tigi omm l-imputat u talbet li tigi ezentata milli taghti x-xhieda taghha stante l-parentela taghha.

Illi deher wkoll Michael Bugeja li talab li jigi ezentat wkoll milli jaghti x-xhieda tieghu fil-konfront tal-imputat peress li jigi nannuh.

Illi l-Qorti laqghet t-talba b'digriet taghha ta' llum stess.

Semghet lil istess Natalina Bugeja tiddikjara li qed tirrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex xhieda okulari tal-incident xi tressaq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 ghar-raba [4] akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu dwar dinr-raba [4] akkuza.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tar-raba [4] akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 u l-artikolu 222(1) tal-Kap 481 u l-artikoli 6, 51(7)(4) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll l-fedina penali tal-imputat u **tiddikjara li qed <u>ssib lil imputat JEFFREY CASSAR hati tar-raba [4] akkuza kif ammessa minnu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin [50] lira</u> li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'**

**Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghaxar [10] liri maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin [31] ta' Dicembru 2006. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta, <u>filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi l-ohra stante rinunzja da parti tal-allegat vittma u tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront taghhom.</u>**

**Tordna l-konfiska tal-arma esibita fl-atti.**

**Il-Qorti wkoll qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikoli 383(c) u 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante r-rinunzja ta' Natalina Cassar ghal proceduri kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------